32005D0028

L 15/30 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 19.1.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Jannar 2005

li temenda d-Deċiżjoni 93/52/KEE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti provinċji fl-Italja huma ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) u d-Deċiżjoni 2003/467/KE fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ċerti provinċji tal-Italja huma ħielsa mit-tuberkoloża tal-bovini, il-bruċelloża tal-bovini u l-lewkosi enzotika tal-bovini

(notifikata fid-dokument numru C(2004) 5548)
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2005/28/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità[1], u b'mod partikolari l-Anness A(I)(4), l-Anness A(II)(7) u l-Anness D(I)(E) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-ngħaġ u tal-mogħoż[2], u b'mod partikolari l-Anness A, Kapitolu 1, punt II tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/52/KEE tal-21 ta' Diċembru 1992 li tieħu nota tal-konformità ta' ċerti Stati Membri jew reġjuni mal-kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-bruċelloża (B.*melitensis*) u li tagħtihom l-istatus ta' Stat Membru jew reġjun uffiċjalment ħieles mill-marda[3] telenka r-reġjuni ta' Stati Membri li huma magħrufa bħala uffiċċjalment ħielsa mill-bruċelloża (B. *melitensis*) skont id-Direttiva 91/68/KEE.

---

1 ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 21/2004 (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8).

2 ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/554/KE (ĠU L 248, 9.7.2004, p. 1).

3 ĠU L 13, 21.1.1993, p. 14. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/320/KE (ĠU L 102, 7.4.2004, p. 75).

(2) Fil-Provinċji ta' Firenze, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato u Siena fir- Reġjun tat-Toscana u fil-provinċji ta' Perugia u Terni fir-Reġjun tal-Umbria, mill-anqas 99.8 % tal-irziezet tal-ovini jew il-kaprini huma rziezet uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż. Barra minn hekk, dawk il-provinċji li daħlu għall-impenn li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet stipolati fid-Direttiva 91/68/KEE li tikkonċerna kontrolli inzertati li għandhom jiwettqu wara l-għarfien tal-provinċji kkunċernati bħala ħielsa mill-bruċelloż.

(3) Fil-Provinċji ta' Firenze, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato u Siena fir- Reġjun tat-Toscana u fil-provinċji ta' Perugia u Terni fir-Reġjun tal-Umbria, għalhekk għandhom jingħarfu bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż (B. *melitensis*) fir-rigward tal-irziezet ovini u kaprini.

(4) Il-listi tar-reġjuni tal-Istati Membri ddikjarati bħala ħielsa mit-tuberkoloż tal-bovini, il-bruċelloż tal-bovini u l-lewkosi enzootika bovina huma stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/467/KE tat-23 ta' Ġunju 2003 li tistabbilixxi l-istat uffiċjalment ħieles mit-tuberkoloż, il-bruċelloż, u l-lewkosi enzootika ta' ċerti Stati Membri u reġjuni ta' Stati Membri fir-rigward ta' merħliet bovini[4].

(5) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kondizzjonijiet xierqa previsti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-provinċja ta' Como fir-Reġjun tal-Lombardia u l-provinċja ta' Prato fir-Reġjun tat-Toscana sabiex dawk il-provinċji jkunu jistgħu jitħabbru uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloż fir-rigward tal-merħliet tal-bovini.

(6) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kondizzjonijiet xierqa previsti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-provinċja ta' Brescia fir-Reġjun tal-Lombardia, il-provinċja ta' Prato fir-Reġjun tat-Toscana u l-provinċji ta' Perugia u Terni fir-Reġjun tal-Umbria sabiex dawk il-provinċji jkunu jistgħu jitħabbru uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż fir-rigward tal-merħliet tal-bovini.

(7) L-Italja ppreżentat lill-Kummissjoni dokumentazzjoni li turi konformità mal-kondizzjonijiet xierqa previsti fid-Direttiva 64/432/KEE fir-rigward tal-provinċja ta' Pavia fir-Reġjun tal-Lombardia, il-provinċji ta' Massa-Carrara fir-Reġjun tat-Toscana u l-provinċji ta' Perugia u Terni fir-Reġjun tal-Umbria sabiex dawk il-provinċji jkunu jistgħu jitħabbru uffiċjalment ħielsa mil-lewkożi enżootika tal-bovini fir-rigward tal-merħliet tal-bovini.

(8) Wara valutazzjoni tad-dokumentazzjoni ppreżentata mill-Italja, il-provinċja ta' Como fir-Reġjun tal-Lombardia u l-provinċja ta' Prato fir-Reġjun tat-Toscana għandhom jitħabbru bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkoloż tal-bovini, il-provinċji ta' Brescia fir-reġjun tal-Lombardia, il-provinċja ta' Prato fir-Reċjun tat-Toscana u l-provinċji ta' Perugia u Terni fir-Reġjun tal-Umbria għandhom jitħabbru bħala uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż tal-bovini, il-provinċja ta' Pavia fir-Reġjun tal-Lombardia, l-provinċji ta' Massa-Carrara fir-Reġjun tat-Toscana u l-provinċji ta' Perugia u Terni fir-Reġjun tal-Umbria għandhom jitħabbru uffiċjalment bħala ħielsa mil-lewkożi enżootika tal-bovini.

---

[4] ĠU L 156, 25.6.2003, p. 74. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/320/KE.

(9) Id-Deċiżjonijiet 93/52/KEE u 2003/467/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Annessi I, II, u III tad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-12 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

L-Anness II tad-Deċiżjoni 93/52/KEE huwa ssostitwit b'dan li ġej:

'ANNESS II

Fi Franza:

Dipartimenti:

Ain, Aisne, Allier, Ardèche, Ardennes, Aube, Aveyron, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Essonne, Eure, Eur-et-Loire, Finistère, Gers, Gironde, Hauts-de-Seine, Haute-Loire, Haute-Vienne, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Jura, Loir-et-Cher, Loire, Loire-Atlantique, Loiret, Lot-et-Garonne, Lot, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Morbihan, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Pas-de-Calais, Puy-de-Dôme, Rhône, Haute-Saône, Saône-et-Loire, Sarthe, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Vendée, Vienne, Yonne, Yvelines, Ville de Paris, Vosges.

Fl-Italja:

– Ir-Reġjun tal-Lazio: Il-Provinċji ta' Rieti u Viterbo.

– Ir-Reġjun tal-Lombardia: Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Milano, Pavia, Sondrio, Varese.

– Ir-Reġjun ta' Sardinia: Il-Provinċji ta' Cagliari, Nuoro, Oristano u Sassari.

– Ir-Reġjun tat-Trentino-Alto Aldige: Il-Provinċji ta' Bolzano u Trento.

– Ir-Reġjun tat-Toscana: Il-Provinċji ta' Arezzo, Firenze, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato u Siena.

– Ir-Reġjun tal-Umbria: Il-Provinċji ta' Perugia, Terni.

Fil-Portugall:

Reġjun Awtonomu tal-Azores.

Fi Spanja:

Ir-Reġjun Awtonomu tal-Gżejjer Kanarji: Il-Provinċji ta' Santa Cruz de Tenerife u Las Palmas.

ANNESS II

L-Annessi I, II u III għad-Deċiżjoni 2003/467/KE huma emendati kif ġej:

1. Fl-Anness I, il-Kapitolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

'KAPITOLU 2

Reġjuni tal-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi

Fl-Italja:

– Ir-Reġjun tal-Lombardia: Il-Provinċji ta' Bergamo, Como, Lecco, Sondrio.

– Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċja ta' Ascoli Piceno

– Ir-Reġjun tat-Toscana: Il-Provinċji ta' Grossetto, Prato

– Ir-Reġjun tat-Trentino-Alto Aldige: Il-Provinċji ta' Bolzano, Trento.'»

2. Fl-Anness II, il-Kapitolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

'KAPITOLU 2

Ir-reġjuni tal-Istati Membri uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloż

Fl-Italja:

– Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna: Provinċji ta' Bologna, Ferrara, Forlì-Cesena, Modena, Parma, Piacenza, Ravenna, Reggio Emilia, Rimini

– Ir-Reġjun tal-Lombardia: Il-Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Pavia, Sondrio, Varese

– Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċja ta' Ascoli Piceno

– Ir-Reġjun ta' Sardinia: Il-Provinċji ta' Cagliari, Nuoro, Oristano, Sassari

– Ir-Reġjun tat-Toscana: Il-Provinċji ta' Arezzo, Grossetto, Livorno, Lucca, Pisa, Prato

– Ir-Reġjun tat-Trentino-Alto Aldige: Il-Provinċji ta' Bolzano, Trento

– Ir-Reġjun tal-Umbria: Il-Provinċji ta' Perugia, Terni.

Fil-Portugal:

– Ir-Reġjun Awtonomu tal-Azores: Il-Gżejjer ta' Pico, Graciosa, Flores, Corvo

Fir-Renju Unit:

– Il-Gran Brittanja: l-Ingilterra, l-Iskozja, Wales.'»

3. Fl-Anness III, il-Kapitolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

'KAPITOLU 2

Reġjuni ta' Stati Membri uffiċjalment ħielsa mil-lewkoża bovina enżootika

Fl-Italja:

– Ir-Reġjun tal-Emilia-Romagna: Provinċji ta' Bologna, Ferrara, Forlì-Cesena, Modena, Parma, Piacenza, Ravenna, Reggio Emilia, Rimini

– Ir-Reġjun tal-Lombardia: Provinċji ta' Bergamo, Brescia, Como, Cremona, Lecco, Lodi, Mantova, Milano, Pavia, Sondrio, Varese

– Ir-Reġjun tal-Marche: Il-Provinċja ta' Ascoli Piceno

– Ir-Reġjun tat-Toscana: Il-Provinċji ta' Arezzo, Firenze, Grossetto, Livorno, Lucca, Massa-Carrara, Pisa, Pistoia, Prato, Siena

– Ir-Reġjun tat-Trentino-Alto Aldige: Il-Provinċji ta' Bolzano, Trento

– Ir-Reġjun tal-Umbria: Il-Provinċji ta' Perugia, Terni

– Ir-Reġjun tal-Val d'Aosta: Il-Provinċja ta'Aosta.'»